# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

**Settembru - Ottubru 1993** Nru. 74


## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

**Ftit taż-żmien ilu ġie f'idejja daqsxejn ta' ktieb mimli bi stejjer qosra: kollha sbieħ, kollha interessanti, u kollha jħallu tagħlima. Illum xtaqt li nirrakkuntalkom waħda li għoġbitna ħafna u li naħseb kapaċi tħalli fina tagħlima kbira. Iġġib l-isem ta'**

## KULĦADD ABBORD???

Maltempata ħarxa ħakmet fuq Airport ta' waħda mill-bliet il-kbar fil-Lvant Imbiegħed. Il-passiġġieri erħewlha lkoll bil-ġirja, biex mill-bieb ta' l-Airport jitilgħu fuq l-ajruplan DC8, li kien lest imħejji sabiex jeħodhom f'belt oħra fl-istess pajjiż.

Wieħed missjunarju, imxarrab għasra daqs fellus, irnexxielu jitla' bit-tbatija t-taraġ ta' l-ajruplan u jsib post qrib tieqa ċkejkna li minnha setgħa jara dak li kien qed jiġri barra. Hostess sabiħa kienet qed tgħin lill-passiġġieri l-oħra jsibu posthom.

It-Tluq ta' l-ajruplan kien imminenti, u wieħed Steward li kien fuq quddiem għalaq il-bieb tqil ta' l-ajruplan.

F'daqqa waħda deher raġel jiġri b'kemm kellu saħħa lejn l-ajruplan, imleflef sewwa ġo raincoat tqil. It-taraġ ta' l-ajruplan kien għadu ma ċċaqlaqx minn postu, u dak ir-raġel beda jħabbat b'kemm kellu saħħa fuq l-ajruplan. Beda jitlobhom jiftħulu. Il-hostess minn wara tieqa ċkejkna li kien hemm fil-bieba, bdiet tfissirlu bis-sinjali li issa kien tard wisq. Ir-raġel żied iħabbat fuq il-bieba. Il-hostess bdiet tgħajjat hi ukoll min ġewwa: "Issa too late!!...Irridu nitilqu".

Iżda kien kollu ta' xejn: ir-raġel baqa' jinsisti biex jiftħulu. Fl-aħħar, il-hostess ċediet u fetħet il-bieba ta' l-ajruplan. Ħarġet idha u għenet lir-raġel jidħol ġewwa. Tistgħu taħsbu kemm baqgħet mistagħġba meta ttendiet li dak ir-raġel ma kiex ħadd għajr il-pilota ta' l-ajruplan."

Taċ-ċajt hux!! Bilkemm titwemmen! Iżda min jaf kemm il-darba aħna wkoll, f'ħajjitna, għaddejna minn din il-ġrajja. Ħassejna li kollox kien sew madwarna.....li ma joqosna xejn............li sar il-ħin biex immorru x'imkien, jew nagħmlu xi ħaġa...........u nagħlqu l-bieb ta' qalbna u ta' darna. U nħallu barra il-Pilota ta' ħajjitna.......tal-ħajja tagħna..........inħallu barra lil Alla.

*ikompli f'paġna 2*

## VAGANZA LI MA TINSIEX

❑ VENEZJA ❑ PADOVA ❑ VERONA

29 ta' Ottubru - 1 ta' Novembru 1993

*Ara d-dettalji kollha f'paġna 8*

*Is-Sopran Ċelebri*

## VERONICA VASCOTTO

**Fit-Teatru ASTRA**

*F'Kunċert Liriku*

13 ta' Novembru 1993

*Paġna 5*

## ŻEWĠ KOMPETIZZJONIJIET GĦAT-TFAL

*Ara Paġna 7*

**L-Offerta tiegħek b'risq "IL-BELT VICTORIA"**

*Poġġi l-offerta tiegħek fl-envelope li issib mar-rivista u għaddieh lil min iġiblek il-Bulettin tal-Ħadd jew fl-Uffiċċju Parrokkjali.*

Kun ġeneruż mar-Rivista tal-Parroċċa. *Grazzi*

IL-BELT
VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

03.07.93: CHARLES MICHAEL, iben Carmel Spiteri u Rose nee' Tabone.
11.07.93: JOSEPH LOUIS, iben Francis Grech u Georgina nee' Vella
25.07.93: DANIELA, bint George Buttigieg u Elizabeth nee' Haber
25.07.93: YANA, bint Noel Vella u Mary nee' Formosa
11.08.93: ILARIA, bint George Agius u Doris nee' Bajada
13.08.93: MARIA, bint Frankie Xuereb u Stephanie nee' Abela
29.08.93: TRESHA EMELENE, bint Anthony Formosa u Joane nee' Mizzi
03.09.93: DIMITRIS, iben Dimitri Grima u Josette nee' Fenech
05.09.93: MAXINE, bint Julian Xuereb u Josephine nee' Galea
17.09.93: ALEXANDER,iben Joachim Mathe' u Pauline nee' Zammit

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ZWIEĠ

10.07.93: MICHAEL CASSAR (Nadur) u LINA CASSAR
11.07.93: CHRISTOPHER SALIBA (Zurrieq) u DORIANNE SCHEMBRI
07.08.93: CARMEL GALEA (Nadur) u JOANN VELLA
12.09.93: JESMOND QUATTROMANI (Mosta) u CELINE CUTAJAR

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

| | | | |
|---|---|---|---|
| 03.07.93: | Joseph Attard | 27.08.93: | Francis Debrincat |
| 22.07.93: | Angela Mizzi | 02.09.93: | M'Assunta Farrugia |
| 18.08.93: | Francis Attard | 05.09.93: | Anthony Cassar |

## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

*jaqbad mill-paġna ta` quddiem*

Ħafna huma dawk li waslu f'dan l-istat. Qed jgħixu mingħajr Alla. Jgħidu li jemmnu fiH, iżda fir-realta' jippruvaw jgħixu mingħajru. Donnu jidħlu f'patt miegħu: "tinkwitanix u ma ninkwitakx: meta jkolli bżonnok infittxek jien". Għal ħafna minn nies Alla qisu dik il-First Aid Box li jkollna d-dar. Ftit li xejn nagħtu każha matul il-jiem tas-sena. Ngħaddu minn ħdejha, u aħna l-iċken ħsieb tagħha.

Iżda imbagħad, titnigges ftit, titħaxxem, tweġġa' u x'naf jien, imbagħad addijo kollox: l-attenzjoni tagħna tmur fuq il-First Aid Box: u nippretendu li nsibuha fornita b'kollox, sabiex nagħmlu użu minnha mill-aħjar. Hekk hi l-imġieba ta' ħafna minn nies ma' Alla. Jafu li jeżisti, imma jżommu d-distanza. Jgħixu mingħajru, għax jgħidu huma **"ma għandniex bżonnu"**; iżda imbagħad ma' l-iċken inkwiet, ma ftit tal-mard, ma xi problema li titfaċċa, allura imbagħad niġru għal għand Ġesu'. U nippretendu li jismagħna, jkellimna u jagħtina dak kollu li għandna bżonn.

Għalhekk ejjew niżguraw ruħna li f'dan il-vjaġġ ta' ħajjitna, Ġesu' qiegħed fuq quddiem ta' l-ajruplan: f'idejh nafdaw it-tmun tal-pilota: għaliex Hu jafha t-triq, ma jiżbalja qatt. Ejjew inżommu kuntatt miegħu kontinwu, ħalli nserrħu moħħna li qiegħed hemm fil-bnazzi u fil-maltemp, fit-telgħat u fl-inżul, f'kull post u f'kull ħin.

# EDITORJAL

## Naċċettaw lil Xulxin

Tkun fejn tkun, titkellem ma min titkellem, taħdem fejn taħdem dejjem issib li mhux kulħadd lest li jaċċetta lil dak jew lill-ieħor. Tisma tgergir kontra dak għax hekk; tgergir kontra ieħor għax jaġixxi b'dak il-mod; u sejrin. M'aħniex kapaċi naċċettaw lil xulxin kif aħna.

Ngħiduha kif inhi! Mhux faċli li kulħadd jaċċetta lil ta' madwaru, lil dawk li jaħdem magħhom, lil dawk li jgħix magħhom, lil dawk li jkun irid jikkollabora magħhom. Ħafna drabi jinqala' l-inkwiet għax min jaħsibha mod u min jaħasibha mod ieħor. Id-dinja hekk hi magħmulha. Kulħadd għandu l-karattru tiegħu. Kulħadd għandu l-fehma tiegħu. Kulħadd jixtieq li jsir kif irid hu. Kulħadd jaħseb li l-argumenti tiegħu biss sewwa.

Biex fis-soċjeta' ngħixu fil-kalma u fit-trankwilita' irridu naċċetaw lil xulxin kif aħna. Irridu nkunu kapaċi ngħidu le lilna nfusna. Irridu nkunu kapaċi nrażżnu l-ego tagħna u ngħidu li mhux bilfors dak li qed ngħid jien huwa vanġelu. Mhux ħaġa faċli din! U għax mhux faċli nsibu li ħaġa li tkun sejra tajjeb tibda tmajna għax kulħadd ikun jrid li tgħaddi tiegħu. Insibu li għaqda, soċjeta', familja jew organiżżazjoni fejn kulħadd irid li tgħaddi tiegħu tibda sejra lura. Is-suppervja tibda' tirbaħ fuq ir-raġuni. U kollox jibda jikkrolla. Irridu nsibu t-triq tan-nofs. Ma rridux ninsew li ħadd mhu etern. Ħadd mhu indispensabbli. Id-dinja mhix ser tispiċċa x'ħin inwarrab jien.

Jekk inżommu dan f'moħħna żgur li ħafna u ħafna affarijiet jimxu aħjar. Tajjeb li fil-bidu ta' din is-sena soċjali naħsbu ftit biex kull fejn ikunu, kull fejn nistgħu nagħtu kontribut ma noqgħodux ngħidu le: għax hemm dak! Le għax jien dak ma nġerrħux! Le għax dak l-atteġġjament ma jogħoġobnix!

Agħti sehmek fejn u kull meta tista' u tħarisx lejn l-uċuħ. Jekk qed tagħmel it-tajjeb kompli. Aċċetta d-difetti ta' l-oħrajn u kun żgur li l-oħrajn ser jaċċettaw id-difetti tiegħek. Min hu perfett? Għalhekk jekk trid tkun ta' għajnuna f'xi għaqda, fis-soċjeta, f'xi organiżżazjoni għamel kuraġġ. Tibqax lura. Jekk għal ġid u għal skop tajjeb idħol u għin. Irbaħ l-egoiżmu tiegħek u tħarisx lejn min forsi ma jaqbilx mal-fehma tiegħek. Jekk l-iskop tagħkom it-tnejn huwa l-istess ġa qed taqblu u kapaċi timxu flimkien u tgħinu lil xulxin.

### Donazzjonijiet għar-Rivista

| | | | |
|---|---|---|---|
| Gużeppi Galea | Lm2 | | |
| Emanuel Attard | 50 Aust $ | Kan. Coronato Grima | Lm2 |
| N.N. Sydney | 50 Aust $ | Anton Mercieca (Kanada) | Lm5 |

# GĦALL-EWWEL DARBA IL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ GĦANDHA D-DOMUS CURIALIS TAGĦHA

Bi pjaċir kbir inħabbru li l-Parroċċa ta' San Ġorġ issa għandha, għall-ewwel darba d-DOMUS CURIALIS propju tagħha. Din hija dar li sservi bħala residenza għall-Arċipriet ta' San Ġorġ, kif ukoll bħala Uffiċċju Parrokkjali.

Dan seħħ nhar it-Tlieta 20 ta' Lulju 1993, b'Kuntratt magħmul għand in-Nutar Dr. Paul G. Pisani, fejn is-Sur Paul M. Cassar u s-Sinjura tiegħu Carmen, għoġobhom jirregalaw lill-Parroċċa ta' San Ġorġ, id-dar Nru. 39, Pjazza San Ġorġ, Victoria. Din id-dar ġiet imħollija b'wirt lilhom mill-Familja Frendo.

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ tixtieq turi r-rikonoxxenza tagħha lejn il-Familja Cassar għal din il-ġenerożita li wriet b'risq l-istess Parroċċa. J'Alla dan il-ġest ikun ta' eżempju għall-familji oħra Ġorġjani.

Nirringrazzjaw ukoll lin-Nutar Dr. Paul G. Pisani li għoġbu joffri s-servizz tiegħu b'xejn, lil Onor. John Dalli, Ministru tal-Finanzi li laqa' it-talba li saritlu u ta l-esenzjoni mit-taxxa tad-Denunzja kif ukoll mit-taxxa tal-Bolli fuq il-kuntratt relattiv.

# RAPPORT FINANZJARJU TAL-FESTA TITULARI TA' SAN ĠORĠ MARTRI - 1993

*DĦUL:*

| | |
|---|---|
| Ġbir Bieb Bieb mit-Toroq tal-Parroċċa: | 1385.00 |
| Offerti mogħtija fl-Uffiċċju Parrokkjali: | 451.00 |
| Ġabra waqt il-Ħruġ tal-Istatwa min-niċċa: | 976.00 |
| | **2812.00** |

*ĦRUĠ:*

| | |
|---|---|
| Servizzi Liturġiċi lil Mons., Saċerdoti u Sem. | 225.00 |
| Servizzi Lajċi it-Trasulazzjoni u Purċissjoni: | 30.00 |
| Vuċijiet Maltin: Tridu, Lejlet u fil-Festa: | 244.75 |
| Mużika kollha tat-Tridu, lejlet u Fil-Festa: | 1165.00 |
| Xemgħa u Fjuri | 61.04 |
| Armar bid-Dawl tal-Koppla u Faċċata: | 120.00 |
| Bibiti u Riċevimenti matul il-ġimgħa tal-Festa: | 228.82 |
| Ikla lill-Bandist, Kumitat, tas-soċjeta' La Stella, kif ukoll il-Kumitat ta' l-armar u tan-nar: | 331.80 |
| Donazzjoni lill-Fundazzjoni OASI | 100.00 |
| Donazzjoni lil Caritas Djoċesana: | 100.00 |
| Donazzjoni lill-Kumitat tan-Nar: | 200.00 |
| | **2806.41** |

| | |
|---|---|
| **Dħul:** | **2812.00** |
| **Ħruġ:** | **2806.41** |
| **Bilanċ:** | **===5.59** |

## IL-GMIEL TAL-MADONNA

Jażżarda min ixebbħek O Marija,
Max-xemx, mal-qamar, ma' kollu l-ħolqien;
Mal-firmament, mad-dawl, ward, kull sbuħija.
M'hemmx paraguni. Bħal ġmielek imkien!

Bosta pitturi ta' fama, f'kull era
Pinġewk irżina b'ilwien u bid-dija;
Imma t-tajbin li raw tiegħek id-dehra,
Stqarrew li tisboq lill-aqwa tpinġija.

Int l-isbaħ waħda, minn barra, minn ġewwa
Il-prefezzjoni fik biss, O Marija.
Dak li Int Ommu kien sawrek tant sewwa;
Għamlek bla tebgħa, b'kull grazzja mogħnija.

Ħasibha Int u lil Eva, ittanta;
U ma seħħlux lis-serp rebħa, ikanta.

*George Caruana*

## IL-KARDINAL CASSIDY FIL-BAŻILIKA TAGĦNA



Waqt iż-żjara tiegħu f'Għawdex fl-okkażżjoni ta` egħluq il-mitt sena mindu San Lawrenz sar Parroċċa, l-E.T. il-Kardinal Cassidy, għamel ukoll żjara lill-Bażilika tagħna akkumpanjat mill-Kappillan tal-Parroċċa Dun Mikiel Borg. *Fir-ritratt il-Kardinal jidher jiffirma l-Visitors` Book. Jidher ukoll Mons Arċipriet S. Borg.*

## ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA:

**Ħdud u Festi: Fl-4.00pm u fil-5.30pm**
**Matul il-ġimgħa: Fil-5.00pm u fis-6.30pm**

# OTTUBRU

## ŻMIEN ID-DUTTRINA

Kull meta jersaq ix-xahar ta' Ottubru, il-ħsieb tagħna jmur minnufih lejn dawk iċ-Ċentri tad-Duttrina li jiftħu l-bibien tagħhom sabiex uliedna jkunu jistgħu jirċievu tagħlim sod, prattiku u meħtieġ dwar ir-Reliġjon tagħna.

Isiru ħafna appelli lill-ġenituri sabiex jaraw li uliedhom jattendu dawn iċ-Ċentri. Għall-grazja t'Alla għad baqa' ħafna ġenituri f'pajjiżna li jifhmu l-ħtieġa tat-tagħlim tal-katekiżmu u jagħmlu ħilithom kollha biex uliedhom imorru u jitgħallmu d-Duttrina.

Biss ta' min isemmi ċerti affarijiet li jinkwetawna u jsewwdulna qalbna:

1. Li filwaqt li l-klassijiet ta' Year 3 u ta' Form1 huma mimlija, peress li t-tfal involuti jkunu ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma, il-klassijiet l-oħra ma jkollhomx attendenza xierqa. Irridu nfakkru li kull tifel u tifla għandu card li fuqha jitniżżel l-attendenza tiegħu/ha matul is-snin kollha.

2. Li filwaqt li sal-Milied l-attendenza tkun tajba, immedjatament wara, din l-attendenza tibda tonqos, u ż-żelu li l-ġenituri jkunu wrew fl-ewwel xahrejn tispiċċa fix-xejn.

3. Li mhux dejjem il-ġenituri huma rikonoxxenti għall-katekisti li b'sagrifiċċju mhux żgħir jgħallmu lil uliedhom. Arahom jieħdu fastidju meta dawn il-katekisti jiġbdulhom l-attenzjoni dwar uliedhom, u jippruvaw jiskużaw l-għemejjel ħżiena ta' uliedhom.

4. Li ma hu qed isir l-ebda sforz minn naħa tal-ġenituri biex jikkooperaw mal-katekisti sabiex dawk it-tfal li jkunu għamlu l-Griżma jkompli jattendu regolarment il-klassijiet tad-dutrina li jsiru espressament għall-istudenti.

Barra minn hekk, tajjeb li ngħidu li t-tagħlim tal-Katekiżmu mhux xi ħaġa tat-tfal biss. Kulħadd jeħtieġ it-tagħlim. Illum, kulma jmur wieħed dejjem jittendi x'injoranza reliġjuża teżisti f'pajjiżna.

Huwa meħtieġ li anke l-kbar, il-ġenituri, l-anzjani, eċċ. iħossu l-ħtieġa li jattendu għall-laqgħat li jsiru fil-parroċċa għalihom. Xieraq li kull persuna tissieħeb f'xi għaqda bħal ngħidu aħna l-Legion of Mary jew Azzjoni Kattolika. Kulħadd huwa fiddmir li jattendi għall-Korsijiet li jsiru minn żmien għal żmien.

Mela, tħallix dan ix-xahar jgħaddi mingħajr ma tifhem l-importanza tat-tagħlim tad-duttrina, għal uliedek u għalik innifsek.

## Ir-Rużarju

Ix-xahar ta' Ottubru jfakkarna ukoll fi drawwa qaddisa oħra: ir-Rużarju. Din hi t-talba li riditha l-Madonna stess, u li permezz tagħha aħna, filwaqt li nagħtu glorja lil Ommna Marija, niftakru fil-grajjiet kbar konnessi mas-salvazzjoni tagħna u nitolbu għall-bżonnijiet spiritwali u materjali tagħna.

Fl-antik il-Familji tagħna kien fihom għaxqa jinġabru flimkien, l-omm u l-missier kif ukoll l-ulied biex jitolbu permezz tar-Rużarju. U ngħiduha kif inhi, jekk fl-imgħoddi l-familji tagħna baqgħu b'saħħithom minkejja t-tentazzjonijiet u l-maltempijiet li ħabtu fuqhom dan kien kollu mertu ta' din it-talba hekk sabiħa tar-Rużarju.

Illum, il-ħajja mgħaġġla li qed ngħaddu, il-ħinijiet differenti tax-xogħol minħabba xiftijiet, il-ħin kbir li wieħed jaħli quddiem it-T.V., mhux qed iħalli spazju sabiex il-familja tibqa' tgħid ir-Rużarju. Skużi nisimgħu ħafna: "Ma tiġborhomx!", jew inkella: "Ma x'hiex tlaħħaq?". Iżda ħafna drabi mhumiex għajr skużi. Ir-raġuni hija ferm differenti.

Hemm min jgħidlek li r-Rużarju għadda żmienu; oħrajn isemmgħulek li r-Rużarju huwa monotonu; oħrajn jgħidulek li mhumiex kapaċi jinġabru.

Dan hu l-appell li nagħmlilkom: Jekk intom tħobbu lill-Madonna, jekk intom temmnu li din l-Omm tagħna trid tgħinna fil-ħajja tagħna, jekk intom persważi li mingħajr l-għajnuna tagħha ma nistgħu nagħmlu xejn, allura nerġgħu nirritornaw għar-Rużarju. Naraw li fil-familji tagħna jerġa jibda' jingħad: ninvolvi lil uliedna ż-żgħar biex imexxuh huma stess; ngħinuhom jifhmu aħjar dak li jkunu qed jgħidu.

Żgur li Ommna Marija tieħu gost bit-tifħir tagħna u tagħtina dak kollu li aħna neħtieġu.

## LOURDES '93

Għal darb oħra l-parroċċa tsgħna organiżżat pellegrinaġġ ieħor għal belt tal-Madonna - Lourdes. Kull min ingħaqad magħna kellu kliem ta' tifħir għal kull aspett fil-pellegrinaġġ. Imma l-iktar ħaġa mportanti hija li kulħadd kien kelma waħda - f'Lourdes ma tiġba qatt. Lourdes huwa miraklu kontinwu u bla ma trid tħoss li qiegħed qrib l-Omma tagħna tasd-Sema li permezz tagħna rridu nersqu lejn Ġesu'. Il-grupp kollu li ingħaqad magħna ħa sehem fil-funzjonijiet kollha li regolarment isiru ġewwa din il-belt. Kellna wkoll imbagħad ħarġiet għall-postijiet oħra li għamlu minn dawk l-erbat ijiem stampa dejjiema f'moħħ kulħadd. Hemm il-ħsieb li anke s-sena li ġejja norganiżżaw pellegrinaġġ ieħor għal Lourdes billi anke din is-sena ma stajniex nieħdu lil dawk kollha li xtaqu jiġu.



# RIGALI LILL-BANDA "LA STELLA"

Żewġ partitarji tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella, is-Sinjuri Manwel Attard u George Cini, irregalaw sett ġdid ta' ingravati lill-Banda fl-okazzjoni tal-Festa ta' San Ġorġ. Il-preżentazzjoni ta' l-ingravati saret minn dawn iż-żewġ partitarji lill-President tas-Soċjeta', is-Sur Paul M. Cassar, nhar is-Sibt 17 ta' Lulju li għadda, qabel il-ftuħ tal-marċ grandjuż bejn il-baned La Stella u King's Own.

L-ingravati gew kommissjonati għand id-Ditta Tee-Dee ta' Kelier f'Melbourne l-Awstralja, u huma ta' kulur aħmar skur bl-istemma uffiċċjali tas-soċjeta' stampata f'lawn isfar. L-ewwel okkażżjoni li fiha l-banda dehret b'dan is-sett ġdid ta' ingravati kienet il-proċessjoni solenni bl-istatwa artstika ta' San Ġorġ, il-Ħadd 18 ta' Lulju.

Kemm is-Sur Attard kif ukoll is-sur Cini, li bejniethom ħallsu l-ispejjez tas-sett, huma żewġ ammiraturi kbar tal-banda. Is-Sur Attard huwa emigrant Ġorġjan fl-Awstralja waqt li s-Sur Cini, li wkoll għadda żmien twil fl-Awstralja, reġa' lura Għawdex u huwa membru attiv fi ħdan id-direzzjoni tas-Soċjeta'

Fl-okkażżjoni tal-festa ta' San Ġorġ ta' din is-sena l-Banda La Stella rċeviet aktar rigali m'għand l-ammiraturi tagħha. Is-Sur Anthony Mercieca, emigrant fil-Kanada, ipprez'nta Stendard tal-Provinċja ta' Alberta, waħda mit-tnax-il provinċji tal-Kanada, waqt li s-Sinjura Doris Attard, partitarja oħra li tgħix fl-Awstralja, irregalat Trophy sabiħ lis-Soċjeta'.

Is-Sur Paul M. Cassar, President tal-Banda La Stella, irringrazzja lil dawn il-partitarji ta' l-interess u s-support li baqgħu juru lejn il-Banda. Minkejja li għal snin twal kienu l-bogħod minn xtut artna, xorta waħda baqgħu leali u jgħożżu bis-sħiħ ir-rabta li sa minn ċkunithom kellhom mal-Banda La Stella u l-Festa tal-Qaddis Patrun t'Għawdex San Ġorġ.

Il-preżentazzjoni ta' dawn ir-rigali saret fil-preżenza ta' Mro Joseph Vella, Surmast-Direttur, Dr. Joseph Ellis, Vici-President u s-Sur Joe Borg, Segretarju tas-Soċjeta'.



*Is-Sur Manwel Attard u s-Sur Ġorġ Cini jippreżentaw l-ingravati lis-Sur Cassar.*



*Is-Sinjura Doris Attard tippreżenta t-Trophy*



*Is-Sur Anthony Mercieca jippreżenta l-istendard tal-Provinċja ta' Alberta*

# *Kuncert mis-Sopran Veronica Vascotto*



Is-Sopran **Veronica Vascotto** twieldet fl-1964 u studjat il-pjanu u l-kant fil-Konservatorju "G. Tardini" ta' Trieste minn fejn ħarġet diplomata bl-unuri. Wara kompliet tistudja ma speċjalisti awterevoli kemm Taljani kif ukoll barranin. Bħalissa qed tkompli tipperfezzjona fil-kant ma Mro. Ennio Silvestri, pjanist, għalliem tal-kant u akkompanjatur ta' solisti magħrufa. Fir-reportorju tagħha Veronica Vascotto għandha minn kull kwalita' ta' kant min dak sagru għal dak liriku sa dak kontemporanju. Hija ġiet premjata fil-"Concorso L. Caraian" ta' Trieste fl-1990. Fl-1992, fil-"Concorso Internazionale di Canto Lirico" ta' Adria, il-ġurija tat it- tieni premju assolut lilha minn fost 100 konkorrent mid-dinja kollha.

**Veronica Vascotto** ser tagħti żewġ kunċerti b'risq il-karita' wieħed f'Malta fil-Mediterranean Conference Centre u l-ieħor f'Għawdex fit-**TEATRU ASTRA** nhar **is-Sibt 13 ta' Novembru 1993**. Fiż-żewġ kunċerti hija ser tkun akkumpanjata fuq il-pjanu minn Mro. Ennio Silvestri.

## PJAZZA SAN ĠORĠ

Il-Board Editorjali ta' "Il-Belt Victoria" jixtieq li f'kull żvilupp li jista' isir fi Pjazza San Ġorġ kemm f'dak li huwa ipparkjar ta' vetturi kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma xi paviment ġdid, l-awtoritajiet konċernati għandhom jikkonsultaw lil dawk kollha li għandhom konnessjoni ma din il-Pjazza; jiġifieri r-Rev.Kapitlu u Presbyterium tal-Parroċċa tagħna, il-Kumitat Storiku Kulturali, il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Kumitat tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella. Dan nistennew li jsir biex kull żvilupp jew arranġamenti oħra jsiru verament fl-aħjar interess tal-Komunita' Parrokkjali.

# Pjazza San Ġorġ

## Iċ-Ċentru Kulturali Għawdxi

Żgur li l-għeluq grandjuż tal-MALTAFEST '93 f'Għawdex, jibqa' f'moħħ dawk kollha li kellhom ix-xorti li jkunu preżenti fi Pjazza San Ġorġ nhar il-Ġimgħa 30 ta' Lulju li għadda, biex għall-ewwel darba jisimgħu l-esekuzzjoni tal-Poema Sinfonika "Ġgantija", versi tal-Poeta Ġorġ Pisani u mużika ta' Mro. John Galea.

F'din l-attivita' singulari, flimkien mal-Orkestra tat-Teatru Manoel, (Leader: George Spiteri), ħadu sehem is-sopran Yvonne Galea, il-Baxx Noel Galea, flimkien mal-Chorus Urbanus u n-narratur Alfred Mallia, taħt it-tmexxija ta' Mro. John Galea nnifsu.

Il-"Ġgantija" kienet komposta fl-1988 fuq kummisjoni tal-Kunsill tal-Kultura għal Għawdex. Siltiet minn din il-Poema kienu esegwiti s-sena l-oħra mis-St.Martin-in-the-Fields Sinfonia, fl-Akkademja ta' St. Martin's f'Londra, fejn intlaqgħu mmensament tajjeb.

Dan ix-xogħol ta' Mro John Galea hu mqassam fi sbatax-il moviment. Jibda bi Preludju, li aktar tard jiġi ripetut darbtejn oħra. In-numri li nsibu wara huma Tranquillo (Arpa u Kor), Offertorju, Danza Ritwali, Intermezzo, Dħul fit-Tempju (Kor), Cantabile, Talba 'l allat (Sopran u Kor), Jitkellem l-Oraklu (Baxx Solo), Reazjoni, Lejn il-Midbaħ, Il-Lament (Kor), Rit Funebri, Il-Bidla Mistika u Gran Final (Sop. u Kor).

Is-Sopran Yvonne Galea, li kantat il-parti ta' tfajla, tipposiedi vuċi ħelwa, soda u b'timbru mill-isbaħ, b'reġistru wiesgħa fejn ikkontrollat il-leħen b'dizjoni ċara. Il-Baxx Noel Galea, li għandu sengħa kbira fil-kant ħareġ noti baxxi u mponenti kif jaf juża bit-teknika kbira tiegħu. Hu kanta l-parti ta' l-oraklu.

Kulħadd kellu kliem ta' tifħir u apprezzament sħiħ għal mod kif il-kor kanta n-numri allokati għalih, liema bċejjeċ ġew milqugħa b'ċapċip kbir minn dawk preżenti. Is-sehem tal-Chorus Urbanus kabbar is-suċċess tas-serata għax ħareġ ħoss verament sabiħ u stupend.

Inħasset ko-ordinazzjoni sħiħa bejn solisti, kor u orkestra kollox frott tal-mużikalita' ġenwina u direzzjoni soda li jipposiedi Mro. Galea. Wieħed ma jistax iħalli barra l-kulurit u l-livell għoli ta' orkestrazzjoni, fejn is-sezzjonijiet diversi ta' l-orkestra kienu ferm ko-ordinati u bilanċjati, mingħajr ebda parti toħroġ fuq l-oħra bla bżonn.



Ritratt: Carmel Cremona

***Kummenti sbieħ dehru fl-istampa lokali:***

*"This was eloquent music, with folk cantilena elements neatly interwoven into a seamless musical fabric to provide an exciting musical intensity."* (G.C.P. Sunday Times 15.8.93)

*"Taħt id-direzzjoni tal-maestro John Galea....(il-movimenti) bdew jalternaw f'mewġa wara l-oħra ta' ħoss li tpaxxi l-widna."* (J.Bonett, In-Nazzjon Tagħna, 17.8.93)

Preżenti għal din l-attivita' prinċipali tal-Maltafest f'Għawdex kien hemm il-Ministru t'Għawdex l-Onor. Anton Tabone, il-Poeta Ġorġ Pisani, il-Perit Joseph Dimech, President tal-Kunsill tal-Kultura, is-Sur J.J. Mifsud, (Taqsima Kultura Malta), L-E.T. Dr. Alex. Cachia Zammit u udjenza distinta mill-Universita' ta' Malta, fosthom il-Prof. Fr, Peter Searcino Inglott, Dr. A. Borg, Prfs. Charles Camilleri, Profs J. Friggieri, Profs. L. Brigulio, Prof. F. Chiari, u Prof. Michael Laus.

Din is-sena kienet it-tielet sena li Mro John Galea, flimkien mas-solisti u kor, żamm l-appuntament mal-poplu Malti permezz ta' l-Orkestra tat-Teatru Manoel fil-Maltafest. Qabel il-"Ġgantija" kienu saru żewġ opri, "Cosi fan Tutte" u "La Cambiale di Matrimonio" fl-1991 u 1992 rispettivament. Ta' min isemmi li sentejn ilu l-Chorus Urbanus kien ħa sehem fl-opra "Don Giovanni" li saret f'Misraħ San Pawl l-Imdina, taħt id-direzzjoni ta. Mro Ottavio Terreni flimkien mal-Europhilarmonic Orchestra ta' Firenze.

## GRUPP TAL-VOKAZZJONIJIET

Fil-Parroċċa tagħna għandna wkoll Grupp tal-Vokazzjonijiet, immexxi minn Dun Effie Masini. Dan il-grupp jinqasam f'żewġ frieghi: dak taż-żgħar għal tfal li jattendu Year VI sa' Form 2, u l-ieħor għal-istudenti minn Form 3 'il fuq. Isiru laqgħat ta' formazzjoni kull ħmistax, u minn żmien għal żmien isiru attivitajiet spiritwali, kulturali u rikreattivi, bħal ngħidu aħna Jum l-Imħabba, l-Ikla tal-Mulej, ħarġiet f'Għawdex u f'Malta. Dawk kollha li huma interessati jiffurmaw parti minn dan il-grupp tal-Vokazzjonijiet huma mitluba jikkuntattjaw lil Dun Effie Masini jew lill-Arċipriet.



# CENTRI TAD-DUTTRINA

***Ħinijiet tal-lezzjonijiet:***

## ■ M.U.S.E.U.M. (Bniet) Triq Palma:

**Mill-Kinder sa' Year 6:** It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa mill-4.15pm sal-4.50pm.
**Minn Form I 'il fuq:** Mill-5.30pm sas-6.05pm.

## ■ M.U.S.E.U.M (Subien) Triq 8 ta' Dicembru:

**Minn Year 3 sa Year 6:** It-Tnejn, it-Tlieta, l-Ħamis u l-Ġimgħa mis-6.00pm sas-6.30pm.
**Minn Form 1 'il fuq:** Kuljum fis-7.00pm sas-7.30pm.

## ■ CENTRU SORIJIET FRANĠISKANI: Triq Palma

**Il-Klassijiet kollha sa' Year 6:** It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis mill-4.15pm sal-4.50pm.

## ■ CENTRU SORIJIET SALESJANI: Triq ir-Repubblika

**Minn Year 1 sa Year VI:** It-Tnejn , it-Tlieta, l-Ħamis u l-Ġimgħa mill-4.15 sal-4.45pm.
**Studenti għall-Grizma ta' l-Isqof:** It-Tnejn u t-Tlieta Mit-2.45pm sat-3.30pm

*• Minn din is-sena ser jiġi aċċettati studenti subien sa' Form 1.*
** Studenti Bniet minn Form 1 sa' Form 4: Friday Club mis-6.00 sat-8.00pm.*
** Tfajliet minn Form 5 'il fuq: Saturday Club mis-6.30pm sat-8.30pm.*

## ■ CENTRU PASTORALI RAGHAJ IT-TAJJEB: Sir Paul Boffa Str.,

**Klassijiet kolha minn Year 1 sa' Form 1:** L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa mit-3.30pm sal-4.30pm
Fil-4.00pm jkun hemm il-quddiesa
**Studenti: Forms 2 u 3:** Nhar ta' Erbgħa fis-6.30pm
**Forms 4 u 5:** Nhar ta' Ħamis fis-6.30pm.

## ■ CENTRU DAR MANRESA: Triq Santa Dminka

Nhar ta' Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa: fit-3.20pm

# ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Is-Sajf spiċċa dan ifisser li l-vaganzi spiċċaw ukoll. Issa lkoll kemm intom inġbartu fl-iskola rispettiva tagħkom u qegħdin titħejjew għal sena skolastika ġdida, sena ta' xogħol bil-għaqal u bla waqfien. Il-biċċa l-kbira tagħkom - biex ma ngħidx kulħadd - bidlu l-klassi u issa tinsabu f"year" jew "form" ġdida. Iżda hemm uħud minnkom li mhux biss biddlu l-klassi, imma wkoll l-iskola. Min jaf kemm huma kburin dawn, għax issa bdew telgħin 'il fuq, bdew jikbru u ma jdumux ma jilħqu xi ħaġa!

Tfal, hija ħaġa tajba li taħdmu u tistinkaw. Biss xtaqt ngħidilkom xi ħaga. Intom, bravi, iżda fil-klassi tagħkom tistgħu tiltaqgħu ma' tfal oħra li ma jkunux bravi bħalkom għax il-Bambin ma jkun żejjinhom bl-istess intelliġenza tagħkom. **Intom x'għandkom tagħmlu?** Iva, diġa fhimtuni: tgħinuhom u tfehmuhom dak li huma ma jkunux fehmu. Dan huwa att ta' karita' kbir u għandkom twettquh kull meta tiġi l-okkazzjoni. U la semmejna l-karita', nixtieq ngħidilkom storja ċkejkna.

**It-Tour de France** (tellieqa tar-roti) tal -1967 intrebħet minn Franċiz, Roger Pingeon. wara t-tiġrija qal mingħajr tlaqliq li jaf ir-rebħa tiegħu lit-taljan Felice Gimondi, li kien il-favorit u li spiċċa fis-seba' post, Ir-rebbieħ ta' din it-t^grija, li tiehu bosta granet, qal li darba minnhom hu kien nesa jieħu r-razzjon ta' l-ikel miegħu u kif kienu ħdejn Ballon d'Alsace, ħassu se jaqa' fl-art bid-debulizza. F'dak il-waqt jara lit-taljan Gimondi riesaq. dan kien jaqbillu kieku l-Franċiz waqa', għax hu kien ikollu ċans aħjar biex jirbaħ. Pero', meta ra fiex kien jinsab Pingeon, newwillu malajr ir-razzjon tiegħu u b'hekk il-Franċiz seta' jkompli triqtu li fl-aħħar waslitu għar-rebħa. Dan l-Att ta' Karita' erojku ġie deskritt hekk mill-Franċiz Pingeon: "Ġest ta' raġel ta' klassi kbira kemm atletika kif ukoll morali u ma ninsa qatt din il-karita' kemm indum ħajr!"

Jalla, tfal, li kulħadd jista; jgħid dan fuqna.

Nawguralkom sena skolastika ta' suċċessi mill-aqwa.

Tata'

*Iz-Ziju Peppi.*


LELI PORTELLI

• LEGATURA
• TISWIJA TA' KOTBA
MAGAZINES u DISSERTATION

97, Aris Street, Xaghra, Gozo.
Tel: 552556


# KOMPETIZZJONIJIET GĦAT-TFAL

***■ Kompetizzjoni Nru.1***

**Għat-Tfal minn Year 4 sa Year 6 fl-Iskejjel Primarji**
*Wiegeb dawn il-mistoqsijiet:*

1. Liema Parroċċa f'Għawdex għalqet mitt sena din is-sena?
2. X'jismu l-aħħar vapur li xtrat il-Kumpanija Gozo Channel?
3. Liema baned Maltin ħadu sehem fil-festa ta' San Ġorġ din is-sena?

***■ Kompetizzjoni Nru.2***

**Għall-Istudenti fl-Iskejjel Sekondarji**
*Wieġeb dawn il-Mistoqsijiet:*

1. X'jismu l-bir taż-żejt li beda jitħaffer fin-nofs-in-nhar ta' Malta?
2. Agħti l-ismijiet kollha ta' l-istazzjonijiet tar-radju li jxandru fuq l-FM fil-gżejjer Maltin?
3. Meta u fejn ġie ffirmat il-ftehim storiku bejn l-Palestinjani u Iżrael?

Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom **sa nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 1993** f'dan l-indirizz: L-Editur, Il-Belt Victoria, Centru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karita', Victoria. Jingħataw premijiet ta' kotba adattati.

# Il-President ta' Malta Dr. Censu Tabone fi żjara fil-Każin tal-Banda La Stella

Il-President ta' Malta, Dr. Censu Tabone, ippreżenta kwadru b'ritratt awtografat tiegħu lis-Soċjeta' Filarmonika La Stella. Il-preżentazzjoni saret lis-Sur Paul M. Cassar, President tas-Socjeta', waqt żjara li l-President Tabone għamel fil-Każin La Stella fl-okkażżjoni tal-Festa ta' San Ġorġ Martri nhar il-Ħadd 18 ta' Lulju li għadda. Il-President Tabone kien akkumpanjat f'din iż-żjara mill-Banda Cittadina Sliema li tagħha huwa l-President.

F'diskors qasir li għamel, Dr. Tabone qal li huwa kien iħossu kuntent ħafna jattendi fil-Kazin La Stella minħabba l-konnessjonijiet tiegħu mal-lokal. Il-Presidnt Tabone twieled u trabba fid-dar li minflokha llum tela' il-Kazin La Stella u t-Teatru Astra.

Dr.Tabone nnota b'sodisfazzjon ir-rabtiet ta' ħbiberija li jeżistu bejn is-Soċjetajiet La Stella u Sliema u awgura li dawn ir-relazzjonijiet ikomplu jikbru u jissaħħu fil-ġejjieni.

Fid-diskors tiegħu l-President Tabone semma l-kontribut validu li jagħtu l-każini tal-baned fl-iżvilupp kulturali u ċiviku ta' dawn il-gżejjer; dan jidher ukoll mis-sehem li s-Soċjeta' Filarmonika Sliema tagħti ta' kull sena fil-festa ta' San Ġorġ, Għawdex.

Is-Sur Paul M. Cassar, President tas-Soċjeta' La Stella, filwaqt li rringrazzja lill-President Tabone ta' l-għotja li ġentilment għoġbu joffri lill-Każin, irregala lill-President Tabone kwadru tal-fidda bix-xbieha ta' l-istatwa artistika ta' San Ġorġ.

Aktar kmieni l-Banda Sliema, taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Galea, laqgħet lill-President Tabone bid-daqq ta' l-Innu Nazzjonali u l-"Inno Sliema" ta' Cardenio Botti.



*Il-President Tabone waqt id-diskors tiegħu wara li offra ritratt awtografat tiegħu lill-Każin La Stella. Fuq il-lemin jidher il-President tal-Banda La Stella is-Sur Paul M. Cassar.*



*Il-President ta' Malta Dr. Censu Tabone u l-President tal-Banda La Stella is-Sur Paul M. Cassar flimkien mal-Banda Cittadina La Stella.*


# VAGANZA ECCEZZJONALI

*Mid-29 ta' Ottubru sa l-1 ta' Novembru 1993*

VENEZJA - VERONA - PADOVA

* Titjira Diretta MALTA/VENEZJA/MALTA * Lukanda 4 Star ġo Venezja-Mestre * Full Board matul iż-żjara kollha (Anke Imbid waqt l-Ikel * Ġurnata sħiħa ġewwa l-belt ta' Venezja * Żjara u quddiesa fis-Santwarju ta' Sant Antnin ġo Padova * Żjara lill-belt ta' l-opri - Verona * Ħin liberu għal Shopping.

**KOLLOX bil-Prezz ta' Lm198**

*ĦAMSA U GĦOXRIN POST BISS*

**Booking għand Mons Arċipriet u fl-Uffiċċju Parrokkjali**


A+M PRINTING LTD. - QALA